**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1504/00JR**

**Twinspark Limited**

**vs**

**David Fenech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55.00), rappresentanti l-hlas dovut ghall-xogholijiet maghmula mis-socjeta` attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut;**

**Illi ghalkemm debitament interpellata biex ihallas dan l-ammont il- konvenut baqa' nadempjenti;**

**Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut;**

**Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nicole Vella de Fremaux li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55.00), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Settembru, 2000, sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**